

Il-Ġurnal Ufficijali L 204 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

4 ta' Awwissu 2022

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1354 tal-4 ta' Awwissu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina 1

DEĊIJONIJIET

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1355 tal-4 ta' Awwissu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina 4

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(*Atti mhux leġiżlattivi*)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1354

tal-4 ta' Awwissu 2022

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħi,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) L-Unjoni tkompli tikkundanna l-azzjonijiet u l-politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukraina.
- (3) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jinċidiedu żewġ individwi mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 għar-rwol tagħhom fl-ipperikolar jew it-theddi tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u talli jibbenfikaw minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew id-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina.
- (4) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BEK

ANNESS

Il-persuni li ġejjin jinżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-eLENKAR |
|-------|---|---|--|------------------|
| "209. | Oleksandr Viktorovych YANUKOVYCH (Олександр Вікторович ЯНУКОВИЧ) | Ġeneru: Maskil Data tat-tweliż: 10.7.1973 Post tat-tweliż: Yenakiyeve, Donetsk Oblast, l-Ukraina Nazzjonalità: Ukrena | Oleksandr Yanukovych huwa negozjant u iben l-eks president tal-Ukraina Viktor Yanukovych. Matul il-presidenza ta' Viktor Yanukovych u grazzi għall-konnessjoni personali ma' grupp ta' persuni qrib missieru, ġabar firxa wiesha ta' interressi tan-negożju u akkumula fortuna kbira. Għadu jmexxi l-attivitàajiet tan-negożju tiegħu fir-reġjun ta' Donbas ikkontrollat mill-gruppi separatisti, speċjalment fis-setturi tal-enerġija, il-faħam, il-kostruzzjoni, il-banek u l-proprjetà immobblji. B'mod partikolari, bis-saħħa ta' rabt mill-qrib mas-separatisti favur ir-Russia, huwa akkwista assi ekonomiċi ewlenin fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u ta' Lugansk", fost oħrajn fis-setturi tal-enerġija, tal-faħam u tal-proprjetà immobblji. Il-battaljun separatista OPLAT (elenkat sa minn Frar 2015) ipproteġa l-proġetti ta' żvilupp tal-proprjetà immobblji tiegħu fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għalhekk, Oleksandr Yanukovych huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implementazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet jew politiki li jdghaj fuq jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u wettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukraina. Barra minn hekk, hu assoċċjat ma' missieru Viktor Yanukovych, li hu responsabbli għall-appoġġ jew l-implementazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbilità u s-sigurtà tal-istat. | 4.8.2022 |
| 210. | Viktor Fedorovych YANUKOVYCH ((Віктор Федорович ЯНУКОВИЧ) | Ġeneru: maskil; Data tat-tweliż: 9.7.1950 Post tat-tweliż: Yenakiyeve, Donetsk Oblast, l-Ukraina Nazzjonalità: Ukren Funzjoni: eks president tal-Ukraina, oligark | Mill-2010 sal-2014, Viktor Yanukovych kien il-President tal-Ukraina. Huwa ġaddan politika favur ir-Russia meta kien fil-kariga. Qorti Ukrerna sabet lil Viktor Yanukovych ħati ta' tradiment talli stieden lill-Federazzjoni Russa biex tinvadji lill-Ukrainagh. Wara li tnejha mill-poter, huwa mar jgħix fir-Russia, fejn kompla bl-attivitàajiet tiegħu mmirati biex jiddestabilizaw lill-Ukraina. Huwa għen fl-interferenza militari Russa fl-Ukraina billi appella lill-President tal-Federazzjoni Russa biex jibgħat truppi Russi lejn l-Ukraina f'Marzu 2014. Viktor Yanukovych wera appoġġ lejn politiki favur ir-Russia li kellhom karugi pubbliċi fil-Krimea okkupata. Fl-2021, fl-Ukraina inftehet investigazzjoni ġidha ta' qabel il-kawża li skontha s-Sur Viktor Yanukovych, flimkien ma' żewġ ex-Ministri tad-Difiża, naqqas intenzjonalment il-kapaċità ta' difiża tal-Ukraina, b'mod partikolari fir-Repubblika Awtonoma tal-Krim. Iqis ruħu l-President leġittimu tal-Ukraina u ppreżenta b'mod konsistenti pożizzjoni favur ir-Russia fl-interventi pubbliċi tiegħu. Skont sorsi differenti, is-Sur Viktor Yanukovych kien parti minn operazzjoni speċjali Russa, li kellha l-għan li tissostitwixxi lill-President Ukrēn bih, matul l-ewwel fażjiet tal-aggressjoni militari illegali u mhux provokata kontra l-Ukraina. Barra minn hekk, il-President tar-Repubblika taċ-Ċeċenja Ramzan Kadyrov, talab lill-President tal-Ukraina biex jittrasferixxi l-poteri kollha tiegħu lil Viktor Yanukovych. Għalhekk, Viktor Yanukovych huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implementazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbilità u s-sigurtà tal-istat. | 4.8.2022" |

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1355

tal-4 ta' Awwissu 2022

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK (¹).
- (2) L-Unjoni tkompli tikkundanna l-azzjonijiet u l-politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali tal-Ukraina.
- (3) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jinżidied żewġ individwi mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK għar-rwol tagħhom fl-ipperikolar jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u talli jibbenfikaw minn persuni Russi li jieħdu d-deciżjoniġiet responsabbli għall-annejjoni tal-Krimea jew id-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina.
- (4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li tiġi emdata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emdata f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
M. BEK

¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

ANNESS

Il-persuni li ġejjin jinżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-eLENKAR |
|-------|---|--|---|------------------|
| "209. | Oleksandr Viktorovich YANUKOVYCH (Олександр Вікторович ЯНУКОВИЧ) | Ġeneru: Maskil Data tat-twelid: 10.7.1973 Post tat-twelid: Yenakiyeve, Donetsk Oblast (former Ukrainian SSR, now Ukraine) Nazzjonalità: Ukraina | Oleksandr Yanukovych huwa negozjant u iben l-eks President tal-Ukraina Viktor Yanukovych. Matul il-presidenza ta' Viktor Yanukovych u grazzi għall-konnessjoni personali ma' grupp ta' persuni qrib missieru, ġabar firxa wiesha ta' interassi tan-negożju u akkumula fortuna kbira. Għadu jmxixxi l-attivitàajiet tan-negożju tiegħu fir-reġjun ta' Donbas ikkontrollat mill-gruppi separatisti, speċjalment fis-setturi tal-enerġija, il-faħam, il-kostruzzjoni, il-banek u l-proprietà immobblji. B'mod partikolari, bis-sahħha ta' rabtiet mill-qrib mas-separatisti favur ir-Russia, huwa akkwista assi ekonomiċi ewlenin fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u ta' Lugansk", fost oħrajn fis-setturi tal-enerġija, tal-faħam u tal-proprietà immobblji tiegħu fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għalhekk, Oleksandr Yanukovych huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implementazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u wettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukraina. Barra minn hekk, hu assoċjat ma' missieru Viktor Yanukovych, li hu responsabbli għall-appoġġ jew l-implementazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbilità u s-sigurtà tal-istat. | 4.8.2022 |
| 210. | Viktor Fedorovich YANUKOVYCH (Виктор Федорович ЯНУКОВИЧ) | Ġeneru: maskil; Data tat-twelid: 9.7.1950 Post tat-twelid: Yenakiyeve, Donetsk Oblast (former Ukrainian SSR, now Ukraine) Nazzjonalità: Ukraina Funzjoni: eks president tal-Ukraina, oligark | Mill-2010 sal-2014, Viktor Yanukovych kien il-President tal-Ukraina. Huwa ġaddan politika favur ir-Russia meta kien fil-kariga. Qorti Ukraina sabet lil Viktor Yanukovych ħati ta' tradiment talli stieden lill-Federazzjoni Russa biex tinvadi lill-Ukraina. Wara li tneħħa mill-poter, huwa mar jgħixx fir-Russia, fejn kompla bl-attivitàajiet tiegħu mmirati biex jiddestabilizzaw lill-Ukraina. Huwa għen fl-interferenza militari Russia fl-Ukraina billi appella lill-President tal-Federazzjoni Russa biex jibgħat truppi Russi lejn l-Ukraina f'Marzu 2014. Viktor Yanukovych appoġġa politiċi favur ir-Russia li kellhom karigi pubbliċi fil-Krimea okkupata. Fl-2021, fl-Ukraina infieħet investigazzjoni ġidha ta' qabel il-kawża li skonta s-Sur Viktor Yanukovych, flimkien ma' żewġ ex-Ministri tad-Difiża, naqqas intenzjonalment il-kapaċità ta' difiża tal-Ukraina, b'mod partikolari fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea. Iqis ruħu l-President leġittimu tal-Ukraina u ppreżenta b'mod konsistenti pożizzjoni favur ir-Russia fl-interventi pubbliċi tiegħu. Skont sorsi differenti, is-Sur Viktor Yanukovych kien parti minn operazzjoni speċjali Russa, li kellha l-għan li tissostitwixxi lill-President Ukrān bih, matul l-ewwel fażijiet tal-aggressjoni militari illegali u mhux provokata kontra l-Ukraina. Barra minn hekk, il-President tar-Repubblika taċ-Ċeċenja Ramzan Kadyrov, talab lill-President tal-Ukraina biex jittrasferixxi l-poteri kollha tiegħu lil Viktor Yanukovych. Għalhekk, Viktor Yanukovych huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implementazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbilità u s-sigurtà tal-istat. | 4.8.2022" |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT